# IN-NAHLA

TA'

AGOSTINO LEVANZIN.

GAZZETTA TA' CULL GIMGHA BIEX TGHALLEM U TIDDEFENDI IL POPLU.

**Omne tulit punctum qui miscuit utile dulci.**
*Giebha żeŭġ dac li għaraf ħallat il ħelu ma'l meħtieġ.*

**95.** **25 ta' GUNJU 1910.** **IT-TIENI SENA**

FTEHIM.

**Ħadd ma jista jissieħeb għal anqas minn sena; u jecc ma jgħarrafx lili, b'il mictub, għallanqas ħmistax kabel, li ma fi ħsiebux ijgedded, ingħoddu bħala 'msieħeb għa's-sena ta' ŭara. Il ħlas, b'il kuddiem, hu: għal ta'l Belt, ta'l Furjana u ta' Ta's-Sliema ħames xelini f'is-sena u jista jsir b'is-sitt xhur jeŭ b'it-tliet xhur; l-oħrajn ijħallsu, barra minn dan, il posta ucoll. Cull min jissieħeb issa jieħu l-eŭŭel sena li ħarget b'xejn; min ijsieħbu jieħu "Maħbub ta' Gesù" b'xejn. In-"Naħla" u il "Maħbub ta' Gesù" jinbigħu għand is-Sur ĠANNI CRITIEN, ta' Strada Rjali ta'l Belt, fejn jista jsir il ħlas ta'l gazzetta ucoll. L-ittri għandhom jinbagħtu collha f'Ta's-Sliema, 12, Str: S. Vincenzo.**

# BURRAXC!!

*Amicus Plato sed magis amica veritas.*

Inthom il coll tiftacru li żmien ilu jiena cont f'dina il gazzetta niccumbatti il politica ta's-Sur Cicc Azzopardi għaliex ftit cont norbot dic il ħabta fuk il għamil tiegħu. Dic il ħabta, billi cont contra tiegħu f'il politica u chien jaf li in-"Naħla" timraħ ħafna u tisŭa xi ħaġa, iddarras miegħi u chien ŭieħed minn dauc, chif għarrfuni, li saħħnu il kiegħa biex giegħlu l'it-Tabib Caruana Scicluna jagħmilli il-libell fuk Xcora, b'it-tama kaŭŭija forsi li il gazzetta, jecc nigi iccundannat, ittir fl-arja u ma tibkax ticcumbattih actar. Dina chienet ix-xeŭka ta' hafna oħra iżda collha bakgħu b'xiber imnieħer għaliex in-"Naħla" m'hux talli ma mietetx iżda culi ma tmur actar tixxerred u tissaħħaħ. Li chien bniedem ieħor f'lochi chiecu meta giet l-aħħar elezzjoni cont nistenna ix-xokka f'moxtha biex ingegħlu jħallas kares id-deni li xtiek jagħmilli u cont niccumbattih. Iżda jiena, li bħala ġurnalista dejjem ħarist lejn is-seŭŭa u lejn il gid ta'l pajjis m'il aħjar li stajt, ma għamiltx hecc iżda csirtha ma' Ninu Dalli, li chien ħabib tiegħi ħafna, talli meta cont imsiefer isserva b'in-"Naħla", li cont tlaktlu f'idejh, biex attaccah personalment, (ħaġa li jiena dejjem bgħadt u li dejjem ħrabt m'il aħjar li stajt) u l'is-Sur Cicc għamiltlu il ŭisa biex iddefenda ruħu. U billi dehirli li il politica ta'l Blocc Liberali ma chienetx sejjra tŭassal għal gid ta'l pajjis li jien dejjem xtakt, u billi dehirli ucoll li taħt il bandiera ta's-Sur Cicc hemm actar nies li setgħu jakduna, u billi nissilt it-tama, ŭara il ħafna tŭiegħid li gieb miegħu m'il Inghilterra, li aħna sejjrin nakilgħu it-tisŭija ta'l Costituzzjoni li ilna nixtieku ħafna, u billi ma 's-Sur Cicc poġġa l-Avucat Caruana Gatto li jiena għandi fiduċja fih bla tarf għal ħila u għal l-onestà tiegħu, jiena dehirli li għandi fl-elezzjoni naħdem għa'n-Nazzjonalisti, bla ma ħarist lejn il gid jeŭ id-deni tiegħi u bla ma ħabbilt rasi minn dauc li bagħtu il gazzetta l-ura.

Ftacru li jiena żammejt ma'n-Nazzjonalisti kabel ma ħarġu rebbieħa u m'hux meta gihom ir-riħ f'il kala. Jiena allura katt ma fħimt li l-egħŭiedi ta 's-Sur Cicc ma chienux ħlief bombli mimlija bìr-riħ u katt ma għaddieli minn moħħi li il miserja ta' tliet mitt lira f'is-sena jeŭ l-ambizzjoni ta' post fl-Esecuttiv sejjrin ijcunu il *pomo della discordia* li jkanklu dana il burraxc icreħ collu li ŭakka dana il għajb hecc icreħ fukna. Tkarrakt u tkarrakt bl-oħxon! Jiena fħimt li id-dħul ta'l Cunsilieri fl-Esecuttiv chien sejjer ijseŭŭi xi ħaġa għal gid u m'hux li sejjer jati il fula l'is-Sur Cicc u jħemmdu b'dic is-sarima collha. Ma ħlomt katt li fost il Cunsilieri sejjer ijcun hemm min għax ma chielx hu jchesches u jofrokhom, ma għaddielix minn rasi li dac li aħna ħsibnih gid għall pajjis sejjer jisfa f'dana id-deni collu imħabba f'il pichi ta' xi Cunsilieri. Iżda balleċ hecc chien! Minn mindu x'uħud m'il Cunsilieri xammeŭ il flus u l-unuri ta 'l Esecuttiv nafru u ma ħarsu xejn actar lejn il gid ta'l pajjis iżda biss lejn il passjoni u l-interessi tagħhom. Għajb għalina! aħna li irridu niggvernaŭ ruħna b'idejna!

Bdiet allura lotta kalila barra u geŭŭa ta' *«oħroġ int ħalli nidħol jiena»* u ta' *«oħroġ int la ma nistax nidħol jiena,»* sa chemm infakgħet il bużżieka u minnha ħarget dina il burraxca tant kalila li chien ilha ħafna fgata ġo fiha. Erbgħa m'il Cunsilieri riedu jitilku scond ma ŭiegħdu f'il programma, billi feħmu li chienu kiegħdin jieħdu seħem f'*farsa*, f'*cummiedja*, f'*turlupineide*. L-erbgħa l-oħra żammeŭ jebes biex ma jġarrfux ir-rajjes li ma riedx jinżel minn hemm fuk bl-ebda mod. Jiena

## FRAC.

Is-Societa' Storico-Scientifica Maltese żammet da'l ġranet seduta interessanti ŭisk billi fiha id-Dr. Ashby, il Prof: Boselli u ir-Rev: H.J. Shaw, M.A. kraŭ discorsi sbiħ ŭisk u l-actar l-eŭŭel ŭieħed fuk il ħŭejjeġ ġodda li sabu f'it-tħaffir il ġdid li għamlu f'Ħaġar Kim. Lil dina ix-Xirka nixtiekulha cull risk ħalli tgħaddi dejjem il kuddiem.

★

Billi jiena nirrispondi ma tul ix-xahar mijiet ta' ittri u għalhecc naħli ħafna bolli biex nakdi l-imsieħbin f'dac li jcunu ijridu jafu, nitlobhom li jibagħtuli il *bolla* ġo l-ittra u jinkdeŭ aħjar. Hemm min l-abbonament ijneffakuli bolli barra m'il csir-ir-ras li jatini.

★

Illum u għada fl-Istitut ta's-Sorijiet Agostinjani ta'l Ħal Kormi, sejjer ijsir *saggio* sabiħ ħafna li nitma jirnexxi mi'l aħjar. Daŭna is-Sorijiet għal gid cbir li kiegħdin jagħmlu ħakkhom tasseŭ min jagħmlilhom il kalb.

★

Nhar il Ħadd, 26 ta' dana ix-xahar, il Banda ta'l Mosta «Nicolò Isouard» sejjra iddokk f'il pjazza ta'l istess raħal programm sabiħ ħafna taħt it-triegija ta'l bravu Surmast Dandu Camilleri.

★

Nirringrazzja b'kalbi collha il Cumitat ta's-«Società Economico-Agraria» ta'l istedina li għamlitli għall Imnarja.

★

Il Gesŭita malti, **Giuseppi Marija Caruana** għalak ħamsin sena li ilu jkaddes f'it-22 ta' Mejju li għadda. Dana gie imfaħħar ŭisk m'il *« Catholic Sentinel »* għal gid cbir li għamel fost l-Indjani ta'l America ta' Fuk. Ŭara li ħa il kuddiesa, fl-1860, mn'idejn il Cardinal Patrizi, mar Missjunarju f'il Muntanji Roċċjusi u tgħallem tajjeb ħafna id-djaletti indjani. Dana jigi bin il mejjet magistrat ta' Għaŭdex, Dr; Giovanni, hu il Prof: Dun Ġorġ Carŭana, D.D., u hu il Magistrat Dr: Luigi li miet ftit snin ilu. Il Patri Gesŭita Sammut hu in-neputi tiegħu. Nixtiekulu ħajja tŭila għal gid ta'l erŭieħ.

★

Nifraħ b'kalbi collha l'is-Sur H. Engerer talli laħak Tenent-Curunell ta'l Milizja f'loc is-Sur Biancardi li laħak Dŭanier. Is-Sur Engerer hu m'hux biss bniedem ta' ħila u intelligenza cbira iżda veru ragel ta' cmand ucoll u għalhecc nitma li taħt it-triegija tiegħu ir-rigment ijgħaddi ħafna il kuddiem.

Nifraħ ucoll lil Cav: Ant: Muscat-Fenech talli ħeles m'il marda li ħakritu b'ŭiċċ il gid u li issa tant tjieb li kiegħed jagħmilha ta' Conslu hu f'loc is-Sur Kohen.

★

Nirringrazzja b'il kalb collha lil daŭc il gazzetti u lil daŭc il ħbieb collha li stampaŭ min jeddhom xi necrologiji jeŭ bagħtu jixtiekuli il għomor fl-occasjoni ta't-telfa ħarxa li ġarrabt da'l ġranet b'il meŭt ta'l maħbub ziju tiegħi Patri Pietru Paŭl Capuċċin. Għarrfuni li ħafna nies katgħu ir-ritratt li chien hemm f'il gazzetta u għamlulu gŭarniċ. Dana juri chemm chien maħbub.

★

Jecc xi ħadd għandu xi Typewriter Remington, imkar m'hux *visible* basta f'condizzjoni tajjba u jrid ijbigħu jgħarrafna għaliex tiegħu jgib sgur prezz tajjeb ħafna.

## Il Mistoksija oħt il Għerf.

**Lil G. M. S.** (Il Belt)

IL BIDU TA'L ILBIES HU ANTIC ŬISK u għalhecc ma nistgħux nafu meta beda u lankas għala beda. Scond ma jifhimha C. H. Stratz, fl-istudju storicu u antropologicu tiegħu fuk l-ilbies ta'n-nisa stampat fi Stuttgarda, fl-1900, il bniedem ma libesx biex jitgħatta m'il bart jeŭ għax staħa m'il għera tiegħu iżda biss biex jiżżejjen, biex jigbed lejh is-sess l-ieħor bħal ma jagħmlu xi annimali u xi għasafar f'certu zmien ta's-sena. F'in-nofs ta'l Brazil, bħal ma jgħarrafna Karl von den Steinen — « *Experiences among the Savage Races of Central Brazil* — (*Berlin, 1894*) għad hemm nies, il Bakairi, li ma jilbsu xejn fukhom u ma jħossu l-ebda misthija. In-nisa ta'l pajjis Suya, ħ-America, scond Alex: von Humbolt — » *Journey in the Equinoctical Regions of the New Continent)* jagħmlu l-istess. Il bniedem kabel ma beda jilbes beda jinżebaħ jeŭ jagħmel it-*tatŭaġġ* b'il ponta ta' xi biċċa żniet takta, bħal ma jgħarrfuna, bl-opri sbiħ tagħhom Westermarck *(History of Human Marriage)*, Joest (*Tattooing*), u Marquardt (*Tattooing of Both Sexes in Samoa*), u bħal ma jgħarrafna Herbert Spencer dana it-tiżjin ta'l bniedem, jibka tiela sa'l ibgħad żmienijiet ta' kabel l-istorja billi f'dic il ħabta chien ŭisk actar fieraħ milli hu illum. Bacon, fl-opra tiegħu «Cosmetica» jgħarrafna li in-nisa bdeŭ jiżbgħu ŭiċċhom minn żmien il Bibbja, u scond Ludwig Stein tibka tielgħa sa'ż-żmien meta il bniedem chien ijgħammar kalb is-silġ billi chien jinżebaħ b'is-sadid imħallat m'ax-xaħam ta'r-renna. Hecc nakraŭ f'il « *The Beginnings of Human Civilization* » tiegħu u fl-opra ta' Ed: Taylor «*Anthropology: an Introduction to the study of Man and Civilisation.*» Klaatch sab bħal schiechen ta'ż-żniet li jgħid li bihom l-eŭlenin nies ta'd-dinja chienu jagħmlu it-tatŭaġġ, ŭ Ploss-Bartels jaħsibha bħalu li il bniedmin kabel bdeŭ jilbsu bdeŭ jinżebgħu. Hirn, fl- « *The Origin of Art* » ijgħid li it-tatŭaġġ chien ijservi biex il grad ta' bniedem jintgħaraf minn ta' ieħor bħal ma huma l-uniformi ta'l-lum u biex ir-ragel u il mara jintgħoġbu bejniethom. Hecc għadhom jagħmlu in-nisa salvaġġi ta'l Gżejjer Carolini, ta'l Gżejjer Pelew u ta'l Gŭinea il Ġdida scond Miklucho-Maclay. Scond Konrad Lange (*The Nature of Art*) il culuri jkanklu l-imħabba u għalhecc mela in-nisa jilbsu imżeŭŭak għaliex jifhmu tajjeb dina is-sengħa. Illum it-tatŭaġġ jinsab l-actar f'il baxx u f'il criminali (Lombroso-*Palimsesti di Carcere*); Marro, Lacassagne, Batut, Rudolf Berg, Salèllas, Drago, Ellis, Greeves u Tronow sabu l-istess ħaġa. Kurella sab m'is-sitta ŭaħda f'il ħabsijiet. (« *The Natural History of the Criminal* »). Robinsohn u Krauss (*Anthropophyteja*) sabu l-istess ucoll f'nies li ma chienux ħabsin iżda biss biex jintgħoġbu u jidhru isbaħ fl-għajnejn min ijħobbhom. René Schwaeble, fi-«*Les Detraqueès de Paris*» ijgħarrafna li dana it-tatŭaġġ daħal moda fost l-aħjar nisa ta' Parigi tant li sa f'it-triek Rue Blanche hemm artista biex jagħmlu; u fuk il gilda fina ta' ħafna minn daŭna in-nisa xi dakkiet jiccupjaŭ il qŭadri ta'l akŭa pitturi u jonfku il belli flejjes. Marchisa pingiet l-arma tagħha fuk sidirha. Mela it-tatŭaġġ, iż-żebgħa ta'l gisem u il ħafna tizŭiek ta'l-leŭnijiet f'l-ilbies huma gejjin m'is-salvaġġi, jgħaddu m'il poplu baxx u jibkgħu tielgħin f'il għoli. (Moseley). L-Areois ta'l gżira Taħiti, scond William Ellis (*Polynesian Researches*) għadhom jitgħatteŭ b'il ŭerka bħal ma il gran-papà Adam tgħatta b'il ŭerka ta't-tin (*l-albero sarto del gran padre Adamo*). L-Indjani ta'l Admiralty Island ma jilbsux ħlief kmis ta'l musolina fuk is-sŭied donnu ebanu ta' gisimhom. L-eŭŭel ma bdeŭ jicsu il gisem chien in-naħħa t'isfel, (Hirn u Durkheim)

u Waitz, Schurz u Letorneau jridu jgħidu li dan tnissel m'il eŭŭel bidu ta'l għejra. Kalb xi salvaġġi in-nisa jitgħatteŭ biss meta jiżżeŭŭġu (Havelock Ellis). Xi salvaġġi jdendlu ŭrajhom denb ta'l gild jeŭ denb ta' kattus ijferfer bħala żina (Virey-"*Woman*"). Kalb is-salvaġġi Saliras in-nisa ħżiena biss jilbsu il ħŭejjeġ (Lohmann). Fl-Africa ta'n-Nots jitgħatteŭ ix-xebbiet biss meta jcunu għaż-żŭieġ (Barth). F'Tipperah ix-xebbiet ijgħattu sdirhom, il miżżeŭŭġa le, u f'it-Toungta ŭara l-eŭŭel tarbija in-nisa katt ma jgħattu sidirhom. (Westermarck-*History of Human Marriage*). Fostna in-nisa miżżeŭŭġa ta'l poplu baxx xejn ma jħabblu rashom li jreddgħu kuddiem l-irgiel u in-nisa ta'l għoli jmorru il ballu bl'iscullar li bosta drabi jħammarlec ŭiċċec. Mosè gieghel l-in-nisa ta'l poplu lhudi jgħattu ŭiċċhom.

Scond Friedrich Theodor Vischer (*Fashion and Cynism*) il MODA BDIET m'ii caċċa li dejjem jatu in-nisa l'ir-ragel biex jiżżeŭŭġu jeŭ jintgħoġbu (*the rage to excel in man-catching*), u għalhecc fl-irgiel li jħobbu jiżżagħblu dina il moda tiffaċċa ucoll b'il csuħat tagħha collha. Minn haŭn beda ucoll li jżidu jeŭ jissiċċaŭ gisimhom biex jidhru aħjar (H. Lotze-*Mikrokosmus*). Ir-ragel jilbes it-tomna biex jidher itŭal, u għal l-istess ħaġa in-nisa jilbsu il cuda. (Gustave Flaubert). L-ilbies juri ucoll chif jaħseb u chif ijħoss bniedem (Bahr—«*Clothing Reform*» u Iwan Bloch— «*Psychopathia Sexualis*»). Lucianus ijgħid li chiecu ŭieħed jistudja tajjeb l-ilbies ta' bniedem jista jcun jaf x'katgħa ta' bniedem hu u dana kaluh ucoll Lavater, Tomasseo, Descuret u daŭc collha li chitbu fuk il Fisjonomija. L-antichi romani, scond Varro, Giovenali u Seneca chienu jilbsu "*coecae vestes*», ilbies bla malja uiesgħa li daħħluh m'il Egittu u giè xi żmien li ħafna nisa chienu jilbsu ta' rgiel ucoll bħal ma għad haŭn illum stess f'in-naħħa ta' fuk ta'l Italja u il Bloomeristi fl-America. Il vera moda ta'l-lum bdiet, ( scond Sombart — « *Domestic Economy and Fashion*), f'is-seclu ħmistax fl-Istati Taljani u il CURPETT beda jidher f'iż-żmienijiet ta'n-nofs u bdeŭ jużaŭh l-insara biex jaħbu u m'hux bħal-lum biex juru sidirhom. F'Malta chienu ġa jużaŭh in-nisa tagħna meta geŭ il Cavalieri, biss chienu jilbsuh minn barra u chien ijcun ta'l ħarir u irraccmati, Stratz ijgħarrafna ucoll li dana il curpett bdeŭ juzaŭh bħala penitenza biex ijgħaccsu gisimhom (*The origin of the corset is from the Christian worship of God for the mortification of the flesh.*) U biex ma jħajjrux in-nies għaddnubiet bdeŭ jissiccaŭ sidirhom ħalli jceccnuh chemm jistgħu u jaħbuh. (*for the compression and obliteration of the breasts an early form of the corset was employed.* Stratz — «*Woman's Clothing*). Illum sar biċċa għodda tax-Xitan u għalhecc minn sena għal sena jkassruh minn kuddiem. (Ritter—*Outlines of the History of Morals*). Bahr, f'il «*Clothing Reform*», jiccundanna l-iscoll cbir «*a la grande gorge*» għaliex ijgħid li jnakkas u m'hux ijcattar il ġmiel ta'n-nisa; u lankas jogħġob lil G. Hirth f'il «*Ways to Love*» tiegħu. Hecc ucoll jaħsibha Vicher, Heinrich Pudor f'il «*Clothing and Sex*» ijsaŭŭat ucoll in-nisa li jħobbu jcabbru l-ilbies minn ŭara bħal ma għamlu ħabta fi żmien l *culè*, u contra dana it-tcattir jeŭ issiccar chitbu ucoll Vicher u Mary Wollstonecraft. Sa's-sittax il seclu meta il mara chienet issir omm chienet iġġib kuddiem bħal arma biex tingħaraf bħal ma naraŭ f'il qŭadri antichi ta' Jan van Eyck ( «*Il Harufa*,» «*Eva*»), ta' Hans Memling ( «*Eva*» ), u ta' Tiziano («*Is-Sbejjħa ta' Urbino*»); u f'is-sbatax u tmintax il seclu il moda ta'n-nisa chienet li jcattru il ħŭejjeġ minn kuddiem biex jidhru b'żakkhom cbira ! ! Il *crinolina* (libsa b'iċ-ċirchijiet) bdiet f'is-sittax il seclu kalb in-nisa ħżiena ta' Franza li chienu jsejjħulha ucoll *montgolfiere* billi l-Eŭropa dic il ħabta chienet mixgħula b'Montgolfier billi tala l-eŭŭel darba fl-arja f'ballun u billi dac id-dublett in-nisa chien jagħmilhom donnhom blalen. Il filosofu Schopenhauer f'il «*Parega Paralipomena*» chien kam bl-aħrax contra tagħha. Waldeyer ijgħid li il mara tħobb il moda actar m'ir-ragel għaliex s'issa il mara ħalleŭha biex tintgħoġob biss b'il ġmiel ta' gisimha; u għalhecc ir-ragel ma jħabbelx ħafna rasu bl-ilbies għaliex biex jintgħoġob ma'n-nisa għandu moħħu u ħiltu. Fl-antic fl-ilbies ta' rgiel chien ijsir ucoll ħafna taklib ta'l moda u l-actar, scond Ovidju, il famus poeta, fl-«*Ars Amandi*», fi żmien ir-Rumani; iżda l-Ingliżi daħħlu il moda ta'l ilbies lixx u semplici u dina illum ġriet ma'd-dinja collha. In-nisa jilbsu il ġlud ta'l annimali għaliex b'is-sħana tagħhom ijcattru l-imħabba (Ryan, Sacher-Masoch) u naħseb li għalhecc il Capuċċini u xi patrijiet oħra jilbsu is-suf tuk il-laħam biex ijcunu jistgħu jagħmlu penitenza actar billi jitgħaccsu. Scond Simmel —«*The Psychology of Fashion*»—il moda titbiddel biex in-nisa ta'l classi għolja jintgħarfu dejjem billi ma jcunux liebsin bħa'n-nisa ta'l classi baxxa, u għalhecc malli daŭca jaraŭ li daŭna bdeŭ jilbsu bħalhom ijfittxu jbiddlu il moda u jbiddluha spiss biex daŭna ta'l aħħar ma jcunux jistgħu jgerru magħhom u jilħkuhom fl-ispejjes. Sombart u Fred, (*The Psychology of Fashion*) jaħsbuha hecc ucoll. Daŭc imbagħad li l-actar ijgegħlu il moda titkalleb huma il *cocotti* billi jridu jintgħarfu m'il ilbies u malli jaraŭ min jilbes bħalhom jergħu jfittxu xi ħaġa ġdida. Il mibchi Edŭardu Sebgħa ta'l Inghilterra chien ŭieħed m'il ħallieka ta'l moda u hu chien li daħħal il cappell u iż-żraben bojjod bħal ma il famusa ballerina Cleo de Merode daħħlet ix-xagħar fuk il ŭidnejn. Scond Sombart illum il moda kiegħdin ijkallbuha ucoll ħafna daŭc in-negozianti ta' Parigi li actar ma titkalleb actar ijsibu x'ijbigħu.

Illum in-nisa intelligenti kiegħdin jitħabtu biex jaktgħu dina il moda belha u li kiegħda tirvina b'il lussu tagħha tant familji u biex ijdaħħlu ilbies semplici li jcattar is-saħħa u għalhecc fost l-eŭŭel ħŭejjeġ li jridu jaktgħu huma il curpett, l-issiccar ta'l kadd u iż-żraben dojjok u b'it-tcachen għolja. L'in-nisa ciniżi malli jitŭieldu jagħilkulhom sakajhom f'il ħadid biex jibkgħu, fost tbatija cbira, żgħar daks fula, u b'hecc m'hux biss jaraŭhom isbaħ iżda jcollhom setgħa cbira fukhom billi malli tarfa il għalla ma ragel b'dakka ta' saba li jatiha jitfagħha minn tulha f'art. Għalhecc fl-Eŭropa in-nisa li jibżgħu għal saħħithom kiegħdin jimxu fuk l-ilbies ta'n-nisa ġappuniżi u il *kimono* sar jimxi ħafna.

Mela minn dina il ftit storja li gibna fuk l-ilbies għandna nitgħallmu li sa chemm il bniedmin, tant irgiel chemm ucoll nisa, ma chienux ijħaddmu moħħhom u jridu jintgħoġbu bl-intelligenza, b'il virtù u b'il ħila tagħhom, chienu jfittxu li jintgħoġbu billi jżejjnu gisimhom jeŭ jiżbgħuh b'ha's-salvaġġi jeŭ b'il moda bhalna, Meta ir-ragel rebaħ fl-intelligenza u f'il ħila beda jitlak l-ilbies biex jintgħoġob b'daŭna, u hecc kiegħda tagħmel il mara ta'l-lum li kiegħda tcattar l-intelligenza u il ħila tagħha bħa'r-ragel. Mela nistgħu ingħidu li il moda bħal ma hi illum għad tispiċċa u li tant il mara chemm ucoll ir-ragel għad ijcunu jilbsu biss b'mod semplici li jgħattu gisimhom u li jcattru is-saħħa bih. J'Alla !

**Lil C. M.** (Il Belt).

IL MALTIN MA CHIENUX IJCUNU JISTGĦU JSIRU CAVALIERI DI GIUSTIZIA IŻDA DI GRAZIA BISS. Biex malti chien ijcun jista jsir *Cavalier di Giustizia*, chien ijrid jitŭieled f'art oħra, imkar fi Skallija billi dina chienet tidħol f'il Lingŭa ta'l Italja. *Cavalieri di Giustizia* Maltin chellna l-aħŭa Parisio, daŭc li il Palazz tagħhom chien fejn hi il Posta illum u li fih rakad il cbir Napuljun meta gie Malta u il Cavalier Ellul ta'l Krendi.

# EDUARDU SEBGĦA.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Kabel telak lakagħ il Prim Ministru Asquith, il Lord Lansdowne u il Balfour fuk it-tixūixa li tkanklet f'il politica ingliża fuk il *Budget* u fuk il Camra ta'l Lordi. Cullħadd jaf chemm tħabat biex ijtaffi jecc m'hux jitfi għal collox il ħuġġieġa kalila li tkanklet bejn iż-żeūġ Cmamar ingliżi. Cullħadd jaf imbagħad b'il maūra fi Biarritz actarx biex ijgħakkad żūieġ ieħor bejn is-Sultan Manūel ta'l Portugall ma' xi Principissa inglisa, tafu ucoll b'il bronchite li kabditu hemm u chif ircada f'Sandringham; u fuk il meūt tiegħu tchellimna ġa ħafna f'in-numri l-imgħoddija ta'n-« Naħla. »

F'is-6 ta' Mejju intfiet il ħajja ta' dana il bniedem li għaraf xorob, b'il curaġġ collu, l-imrar li jl grad tiegħu seūūiblu f'calci ta'd-deheb ; ġarrab ucoll b'is-sabar il mardijiet li żaruh u it-telfa ta' uliedu ; ħadem dejjem għal gid u għa'r-risk ta' pajjisu u ħabb dejjem, fuk collox, il paci. Jecc tħares biss lejn ir-ritratt tiegħu issir tħobbu aħseb u ara chiecu cont tista tersak lejh biex iġġarrab ftit dic il gentilezza parigina li chien tant imfaħħar għaliha. Chien m'hux biss is-Sultan iżda il Missier u jl Ħabib ta'l poplu Ingliż collu u ta' daūc collha li chienu jinsabu maħcuma minnu. Għaldakshecc miet mibchi u imħassar minn cullħadd. J'Alla ibnu jirnexxi bħalu ħalli it-telfa cbira tiegħu ma tinħassx ūisk minn cull min ijgħix taħt is-setgħa cbira u kaūūija ta'l Gran Brettanja.

★

Is-Sultan Edūardu chien « *sportsman* » m'il akūa u il caċċa chien ijħobbha ūisk u spiss chien ijmur f'ir-raba ta' Lord Burnham. Chien ijħobb ucoll il caċċa ta'l annimali salvaġġi u darba meta mar ijżur l-Indja ried jieħu sehem f'il caċċa ta't-tigri u ūaħda minnhom għamlet għalih u ixxabbtet ma'l iljunfant li fuku chien jinsab hu u tatu is-salt biex tisbranah. Iżda hu sparalha ġo ħalkha u ūakkagħha mejjta. Chien ijħobb ucoll ijgerri iż-żūiemel u dan l-aħħar, fl-1909, iż-żiemel tiegħu «*Minoru*» rebaħ it-tiġrija ta'd-Derby. Meta chien Biarritz dan l-aħħar ried jara l-areoplan ta' Bleriot u talbu li jtir bih ħalli jarah, ħaġa li l-avjatur famus franciż għamel b'il kalb collha biex jiccuntentah. B'il franciż imbagħad chien jitchellem daks franciż u billi studja ħafna u gera ħafna cull meta chien jitħaddet chien jatic pjacir għaliex chien dejjem jaf x'ijgħid. U biex ma intaūūalx actar sejjer inżomm haūn b'it-tama kaūūja li dana il ftit li għidna fuku jżommu għal żmien tūil ħajj f'moħħna it-tifchira għażiża ta' dana il mibchi u maħbub

SULTAN TA'L PACI.

# Għa'n - Nisa.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Issa ūara li tħaddit f'it-tul magħcom fuk il għażla ta'r-ragel f'iż-żūieġ u fehimtcom liema huma il ħūejjeġ li għandcom tfittxu u liema huma daūc li għandcom taħirbu biex tcunu actarx tistu tgħixu ħienja u ma tintefgħux, rascom l-isfel, fl'infern ta' dina id-dinja, sejjra indur ftit fukcom u ingħidilcom ftit ntom chif tridu tcunu imħejjijin biex tistgħu ticsbu dana il ħena f'iż-żūieġ ; għaliex ma hux b'iż-żejjed biex tcunu ħienjin li ir-ragel ijcun imżejjen b'dac collu li għidna jecc intom ucoll ma tcunux imżejjnin b'dac collu li jinħtieġ.

Mela bħal ma għidtilcom li l-eūūel ħaġa li għandcom tfittxu f'ragel hi IS-SAĦĦA u li minn għajrha ma għandcomx xi triduh, hecc ucoll IL MARA MA GĦANDHIEX TERSAK LEJN IŻ-ŻŪIEĠ JECC MA TCUNX TASSEŪ B'SAĦĦITHA U BINT IN-NIES B-SAĦĦITHOM, għaliex it-tfal ma jirtux il mardijiet m'il missier biss iżda m'il omm ucoll ; u hi ucoll jecc tibda ta' cull ūaħda tinxteħet f'is-sodda tfixchel u takleb ta' taħt fuk id-dar u b'hecc ma jistax ijcun hemm hena f'iż-żūieġ. Għaldakstant ġa la darba is-saħħa għalicom ucoll għandha tcun il pedament ta'ż-żūieġ u ta' cull ħena f'il ħajja sejjra nitchellem magħcom ftit fuk dina is-saħħa, u infehimcom ftit chif għandcom ticsbuha u tibżgħu għaliha biex tcunu fukha tistgħu tibnu cull ħena tagħcom u ta'l familja tagħcom; billi il mara meta tiżżeūūeġ għandha bżonn, jecc jista jcun, m'hux biss ta' saħħa ūaħda iżda ta' seba saħħiet.

Da'l ġranet gie f'idejja ctieb sabiħ ħafna fuk is-saħħa ta'n-nisa mictub minn mara, imsejjaħ « HEALTH AND BEAUTY » ta' *Helena Gent*, u maħruġ m'il « Health and Strength Ltd. » ta' Londra, u li fih ħafna tagħlim ta' fejda ; u għalhecc irrid innakkilcom minnu daūc il ħūejjeġ collha li jidhirli li jgħoddu għalicom f'il ħin li nirraccomandah lill daūc collha li jafu jakraū bl-ingliż billi ma jkumx ħlief xelin u fih ucoll ħafna stampi sbiħ. Il Librar Sapienza ta't-Telgħa ta' Marxamxett għandu minnhom.

Dina il chittieba intelligenti tibda biex tgħid, u b'ir-raġun collu, li ftit huma daūc in-nisa li jafu cas ta' saħħithom, u fl-istess ħin li jaħlu siegħat sħaħ kuddiem it-tūaletta jistudjaū il pittura, ftit minnhom ijħabircu biex dac il culur f'loc falz u li jgħarrak il ūiċċ jagħmluh tasseū mn'id in-Natura.

Tara ħafna xebbiet li jontku il-liri cull xahar fi lbiesi u f'il ħin li jincseū b'il ħarir jeū b'il bellus minn fuk s'isfel ma jfittxux li jfejjku is-sfura ta'x-xama ta' ūiċċhom, ma jħabircux biex jitūalu u jsebbħu persunithom jecc kosra, li jintleū ftit b'il-laħam jecc niexfa donnhom gattarelli, li jogħolbu ftit jecc donnhom żniebel ta't-tamar, li jsaħħu sidirhom jecc donnhom incanati. Le, jaħsbu li billi jiddandnu bi lbies u jinżebgħu bħal dgħajjsa ta't-tigrija jeū jinfarinaū ūiċċhom bħal vopi b'it-terra tfuħ hu b'iż-żejjed biex żagħżugħ b'il għakal jingibed lejhom. Daūna jaħasra jmorru ħafna imkarrkin għaliex daūc il ġuvintur li għandhom rashom fuk għonkhom m'hux għall cappell biss, jafu li meta jiżżeūūġu ma jieħdux il mara biex ijkiegħduha mostra f-vetrina iżda biex tcun omm ta' familja ; u għalhecc actar ijħarsu lejn is-saħħa u lejn il ġmiel naturali milli lejn l'erba ċraret li jcollha fukha imżejjna bihom donnha żiemel għa't-tiġrija. Libsa ta'l indjana fuk xebba b'saħħitha, donnha berka, mibruma b'saffejn, li it-tajjar in-nar minn ūiċċha, tcattar il ġmiel u tiġbdec actar lejha ; x'jimporta billi ma tcunx liebsa il ħarir, dic ħaġa ta' ftit xelini li min ijħobbha jseūūiha f'ġurnata, iżda in-nukkas ta's-saħħa hu ħaġa serja ħafna u ma isseūūihx chif trid u meta trid lankas jecc xi dakkiet tonfok il miljuni. Mela ibdgħu biex tfittxu il-veru ġmiel li hu dac ta's-saħħa u li taticom in-Natura u ftit minn dac il ħin li taħlu kuddiem it-tūaletta u tħitu iċ-ċoffi u iż-żagarelli aħluh għal saħħitcom għaliex jakblilcom ħafna u ħafna aħjar.

LUCIJA LEVANZIN INGLOTT.

(*Jissocta*).

Min ijrid jixtri LINCA TA'L ISTAMPA seūda għal cotba jeū għal ġurnali, ta'l famusa **Fabbrica Lorilleaux**, bi rħis, jebcit Strada San Vincenzo No. 12, Ta's-Sliema.

# IS-SAĦĦAR FALZUN.

(*Jissocta minn numru ta' kabel.*)

Rużanna fehmet malajr u kaltlu li ħdejn is-Sur Kalamias chien jidħol ŭaħdu u ma jfixclu ħadd; u għalhecc meta ra li oħtu fehmet x'chellu f'rasu kallha li dic il-lejla stess chellu jmur jarah.

Is-Sur Kalamias feraħ bla tarf b'iż-żjara li għamillu Ambroġ u ma għarafx ħlief ijgħannku ma' kalbu, ijbusu chemm jiflaħ u jxarrablu ħaddejh b'id-dmugħ billi chien ijħobbu bħal u f'loc ibnu. Ambroġ ħemed u tfixchel ucoll u ma għarafx ħlief ijtennilu il-beŭs u id-dmugħ b'rogħda u sfura li jisiltu il klub. It-tnejn ma chellhomx il ħila li jżerżku chelma ŭaħda biss fuk dac li ġara; tħaddtu għal ftit ħin fuk ħŭejjeġ ta' xejn u Ambroġ ħareġ, donnu mibluħ, ŭara li ŭiegħdu li għandu jibda jmur ta' sicŭit jarah biex ijkatta siegħa miegħu bħal aħŭa.

Is-Sur Kalamias ħass kalbu titfarraġ meta fehem li issa jista jiġborhom collha kakotxa ma' dŭar is-sodda ta' meŭtu u jorbothom m'il ġdid bħal ħaġa ŭaħda fl-imħabba ta' kabel.

Rużanna u Marija stenneŭh isfel biex stakseŭh x'dehirlu m'is-Sur Kalamias; iżda f'il ŭakt li chien sejjer ijbexxak fommu biex ijŭiegibhom, ix-xhir minn geŭŭa ta' Sidor silitlu id-dmugħ minn għajnejh, għafas malajr id Marija u x'ħin temtem scuża u tislima beŭŭeġ, bħal ħalbel, il barra.

U malli sab ruħu għaddejj ma'l ħajt il ħajt, b'rasu imgħaddsa u b'kalbu imfaŭŭra bin-nichet, leħħet f'moħħu il ħalfa li għandu jitħallas m'il Cavalier talli gieb f'id-dinja il dac it-tfajjel bla ħtija u telku għal bieb Alla basta għadda il capriċċ chiefer ta' rasu; bla ma Ambroġ chien jaf u bla ma katt chien jista jaħseb li chien hemm bniedem ieħor, ftit bogħod minnu, li chien kiegħed ijberren bla ħeda fuk ħalfa bħal tiegħu u li kalbu chienet kiegħda tittertak bl-istess ugiegħ—Ħamid, dac li ġurnata chellu jakdih biex jitħallsu, flimchien u bl-icraħ, m'il gieħ De Saqueville, il karrieki Raħeb ta' S. Ġŭann.

XII.

## GĦAND IS-SUR KALAMIAS.

Malli ġriet ma'l Imdina u ma'r-Rabat ix-xniha li is-Sur Kalamias ħassu ħażin seŭŭa u li bagħat għa't-Tabib Xara, cull-ħadd kabduh ix-xŭiec biex ijmur jarah, għaliex chien miġjub tasseŭ fuk l-idejn. Ħamid ma chienx jista jiffaċċa il barra biex jixtri xi ħaġa li ma chienux ijduru ma' dŭaru u jitterżentaŭlu rasu b'il ħafna mistoksijiet li chienu jagħmlulu. U tant ġriet dina ix-xniha minn fomm għal l-ieħor, u għalhecc tant chibret u iżżejjnet, li saħansitra il ħbieb tiegħu ta'l Belt u ta'l Birgu dehrilhom li chien xierak li jakbżu kabża sa fejnu ħalli jmorru jatuh dakka ta' għajn. Fosthom tala jarah il famus architett Ġlormu Cassar * billi chienu jingiebu ŭisk, iżda li minn mindu is-Sur Kalamias chien ingabar l-Imdina u hu chien tgħaŭŭex bħalu ġmielu b'is-snin ma tantx chienu jiltakgħu flimchien bħal meta chienu, tista tgħid, ħobż u sicchina.

Għaldakstant chien ilhom ma jitħaddtu ftit flimchien bħa's-soltu fuk żgħużithom u il-lakgħa tagħhom ma setgħetx tcun ħliet ta' ferħ cbir m'iż-żeŭġ bnadi, u l-actar m'is-Sur Kalamias li meta chien jara li l-aħjar nies ta'l gżira chienu jgibuh fuk ŭiċċ l-idejn għad li frustier, chien joħla u jitgħaxxak bla tarf.

L-architett Cassar chien midħla seŭŭa ta'l familja Falzun u il Ħachem chien ŭieħed m'il egħżeż ħbieb li chellu; u għalhecc il cliem, billi bħa'ċ ċirasa, ma satax ma jakax fuk il praspura cherha ta'l imsejcna Carmena, u Glormu, bħala malti minn għankudu, ma satax ma jinteliex b'il killa, sa'x-xfar ta' għajnejh, contra dac il misħut Cavalier li ma bosta oħrajn bħalu chienu ta' sicŭit ijħarbtu l-aħjar familji tagħna b'għajb cbir ta'l-libsa imkaddsa li chellhom fukhom. Għalhecc ħall ilsienu contra tagħhom u beda jdokk bla ħniena fuk il għamil faħxi ta' ħafna minnhom, hu li billi xogħlu chien dejjem magħhom chien jaf b'iż-żejjed x'ijsarrfu.

Raġa inkala il cliem fuk Dun Matt Falzun, ħu Carmena u Ambroġ, li chienu għaddeŭh ta' saħħar u kerduh f'il bir-ta's-schiechen ta'l Birgu biss biex ħatfulu il gid cbir li chellu ħalli b'biċċa minnu il Cavalieri bneŭ il Cnisja ta' San Ġŭann ta'l Belt; u billi l-architett ta' dina il Cnisja famusa chien Ġlormu stess dina it-tbagħbisa maħmuġa chien jatha bl-għeruk u ix-xniexel collha.

(*Jissocta*).

---

* *Dana chien mi'l Gudja u tŭieled għal ħabta ta'l 1520. Huh chien il Capumastru Indrì li ma' Paŭlu Burlò u Orlandu Zabbar tant issemma għal ħila cbira tiegħu fl-Assedju il Cbir. Dana tgħallem is-sengħa taħt it-triegija ta'l architett taljan Evangelista Menga li haŭn f' Malta chien ŭieħed m'il actar imfaħħra ta' dac iż-żmien. F'il ħabta ta'r-rumanz tagħna chien Architett ta'l Ordni u chellu sitta u ħamsin sena u ŭara għix xi għaxra oħra billi miet fl-1586. Dana bena* (1) *l-antic Cunvent ta' Santu Ŭistin ta'l Imdina ;* (2) *l-antic Cunvent ta' San Frangisc ta'l Imdina;* (3) *Ħażż biċċa m'il pjanta ta'l Belt ma'l Inginier Laparelli fl-1566;* (4) *bena il Cnisja ta'l Vittorja ta'l Belt fl 1567;* (5) *bosta m'is-sŭar ta'l Belt fl-1568;* (6) *l-antic Cunvent ta' Stu Ŭistin ta'l Belt fl-1571;* (7), *l-antic Cunvent ta' S. Duminku ta'l Belt fl-1572;* (8) *il Palazz Magistrali (illum ta'l Gvernatur) ta'l Belt fl-1572, taħt il Gran Mastru Del Monte;* (9) *għamel id-disinn ta's-seba bereġ u bena bosta minnhom fl-1572;* (10) *bena il Fran u l-Jmtieħen ta'l Belt fl-1572;* (11), *il Cnisja ta' S. Ġŭann ta'l Belt fl-1573;* (12) *il Cunvent ta' Giesu ta'l Belt fl-1575;* (13), *il Cunvent ta'l Carmnu ta'l Belt fl-1576;* (14) *il Monasteru ta' Santa Catarina ta'l Belt fl-1576;* (15) *il Parroċċa ta' San Paŭl ta'l Belt ma' l-Architett Saragona fl-1577;* (16) *bosta m'il palazzi ta'l Belt fl-1580;* (17) *il Cunvent ta'l Capuċċini ta'l Furjana fl-1586;* (18) *il Palazz Verdala ta'l Buschett fl-1586;* (19) *il Cnisja ta' San Marc ta'l Imdina fl-1586* u (20) *l-Isptar militari ta'l Belt. Dana chien ŭieħed m'il akŭa, jecc m'hux l-akŭa, fost l-Architetti maltin.*

# LOGHOB.

It-tifsira ta't-Taħbil-il-Moħħ ta'l gimgħa l-oħra hi dina:—

«Nitolbu lil daŭc l-imsieħbin li għadhom bla ma ħallsu biex jibagħatulna il flus ħalli jiffrancaŭlna ħafna taħbit fil Korti.»

## TAĦBIL IL MOĦĦ.

Għandi 21 barmil: 7 mimlija sa fuk b'iż-zejt; 7 vojta, u 7 mimlija sa'n-nofs. Irrid naksamhom bejn tlieta minn nies. Chif nagħmel biex natihom bramel u zejt daks inseŭ?


## SCOLA TA'T-TIFSIL.

Fi Strada Reale, numru 32, f'Birchircara, infetħet Scola ġdida ta't-tifsil għa'r-rgiel u għa'n-nisa, collox fuk l-arti ta'l geometrija. Min ijrid jitgħallem ijmur għand il Prof: Vincenzo Grech li gie ippremjat minn Accademji ta' Londra Parigi u Torino billi jaf ijfassal ħafna. Il ħinijiet huma m'it-8 ta' f'il għodu sa't-8 ta' f'il għaxija. Jbiegħ ucoll mudelli għal l-ilbiesi ta' rgiel u ta' nisa bi prezzijiet irħas.

# TRIDU TFIEKU MALAJR?

Morru f 'id-**Dar ta'l Cura** ta'l imfaħħar

**Prof: ERNESTU PICONE**

ta' Serkusa, fi Skallija, fejn ijsiru operazzjonijiet ta' chirurgija, ta' ostetriċja, ta' ginecologija u ta'l għajnejn, b'heffa, b'rekka u bi prezzijiet moderati li cullħadd ħareġ cuntent minnhom.

Min jinfetak, jeū ijcollu il mard ta'l ħaġra, jeū mardijiet ta'l ġuf, ta'l istoncu, ta'l fūied, ta'l clieūi u mardijiet oħrajn, l-isbaħ li jagħmel hu li jakbeż sa hemm fejn ijsib cull cumdità u **jonfok ftit.**

# BRITANNIA

## STABILIMENT G'DID

**Ta' Ferramenti, Ghodod, Huejjeg ta' Chimica u Fotografija, Zebgha, &cc.**

BRITANNIA




BRITANNIA

## INJAM

**ta'l ahmar, ta'l abjat, u ta'l caūba.**

**Collox m'il irhas u m'il ahjar.**

## BRITANNIA

# L=OSSIGENU

li illum hu tant użat f 'il mard, dari chien ijsir fl-ispiżżeriji m'il ispiżżjari stess; iżda sabu li ma chienx joħroġ pur b'iż-żejjed u għalhecc ma chienx jagħmel dac il gid collu li chien ijmissu. Illum it-tifel ta'l Prof: Leube ta'l Germanja (dac li ipprepara l-arja liqūida) sab chif minn dina l-arja liqūida joħroġ l-

## OSSIGENU PURISSIMU

u saret soċjetà għal dina il ħaġa li kiegħda tforni lill ispiżżjari ma'd-dinja collha b'dana ir-rimedju tant ta' ħtieġa.

HAUN MALTA

ma nafux li għandu minnu ħlief

**l-Ispizzjar ALFREDO CUMBO**

**Ta' Strada Rjali (kuddiem il Club) il Belt.**

u għalhecc cull min ijcollu bżonn ta' dana l-ossigenu pur f 'loc li iokgħod jistenna li jlestuhulu fi spiżżeriji oħra jsibu lest għand is-Sur Cumbo pur u bi prezz moderat ħafna.

# Is=Sur Raff: Bonello

## TA' STRADA LEVANTE, 131, IL BELT

(Hdejn il Cnisja ta' Sta. Lucija)

għandu għal bejh cull xorta ta' ħġieġ, żebgħa, żjut, imsiemer, għodod, ħūejjeġ ta's-Sanità, ta' gass, fornimenti ta't-tūiebet, lampi ta'l pitrolju li jixilgħu b'il matel b'daūl kaūūi u sabiħ ūisk u ħafna ħūejjeġ oħra bħal daūn ta'l aħjar qūalità u bi prezzijiet m'il orħos. Ippruvaū biex taraū chif toħorġu cuntenti sgur.

# INVENZJONI FAMUSA

**hi sgur dic li ghamlu dan l-ahhar billi sabu haġa li tiffranca m'hux biss xoghol u żmien iżda flus ucoll u tahbit f'il hasil.**

**Mela biex tiffrancaū ix-xoghol u l=gheric**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex tiffrancaū is-sapun ghaliex tahlu ftit**

## UZAU "IR-RUBNIT,"

**Biex ma thallsux hassiela u ma tahlux hafna żmien**

## UZAU "IR-RUBNIT"

**li jinbiegh il Belt ghand ir-Sur WAGNER, ta' Strada Zaccaria u T'as-Sliema ghand il « BRITANNIA » ta' Sda. it=Torri.**

Min hu marid bi-Anemija (hakar ta'd-demm) u jrid ijfiek f'għoxrin ġurnata jieħu



**L' ELIXIR**

**TA' S. VINCENS DE PAOLI**

Is-Sur G. Muscat ūara għaxar snin ugiegħ ta' ras kaūūi bla ma sata jfejku b'xejn ma't-tielet flixcun għaddielu collox. Is-Sur Rinaldu Perini ucoll fejjak l-ibnu, ma't-tieni flixcun, minn anemija kaūūija. Daūna is-sinjuri ucoll li sejrin insemmu ippruvaūħ lukhom stess jeū fuk xi ħadd ieħor u ħarġu jiftaħru: Dr: Edward L. Vella; Dr. Paolo Sammut (Sliema); Prof: Dr: C. Sammut; Prof: Dr: G. O. Galea; Farm: C. Arpa; Farm: G. Gili; Prof: Dr: S. Grech; Onor: Dr: A. Pullicino; Dr: L. Albanese; Negte: G. Tagliaferro; G. Sultana; Ant: Diacono; Avv: Francesco Cardona u ħafna oħrajn.

Jinbigħ fl-ispiżżerija ta't-Tabib

**FABRIZ BORG.—Il Belt.**

267, STRADA REALE.

# IN-NEVRASTENIJA

**hi marda kalila hafna, li ittelliflec il hena collu ta'l hajja u li jecc tircbec seūūa iġġorroc il manicomju. Dina il marda studjaha hafna tajjeb il gharef**

## Prof: DE GIOVANNI ta' PADOVA.

**u sab rimedju ghaliha li m'hux biss hu imfahhar m'il ahjar Professur ta'l Italja iżda ucoll minn eluf ta' nies li chienu morda u fieku b'dana**

## l-ANTINEVROTICU.

**Haūn Malta dana mexa hafna ucoll u cull min ha minnu fahhru ūisk. Morru mela intom li tinsabu mahkura minn dina il marda ghand**

**l-Ispizzjar ALFREDU CUMBO**

**ta' Strada RJALI ta' BELT u ixtru flixcun biex tippruvaūh.**

## FLUS! FLUS! FLUS!

Min ijrid jixtri jeŭ ijbigħ titoli b'il premju jeŭ bl-imgħax, u l-actar ta'l **Ferrovia Turchia Europea, Credit Foncier, Croce Rossa** u oħrajn ijmur għand is-**Sur C. Bornaccini, Strada Forni, Nru. 87, il Belt**, cull jum barra m'il festi u il ħdud, m'it-tmienja sa nofsinhar, fejn jista jieħu ŭcoll cull informazzjoni oħra.

## SNIEN! SNIEN! SNIEN!

**Il Chirurgu-Dentista Alfonso Urso** resak b'id-dar tiegħu actar l-isfel f'il Pjazza ta' Raħal Gdid u għalhecc issa jokgħod seŭŭa seŭ kuddiem il għajn. Cull min ijfittxu għal kliegħ jeŭ għa'x-xogħol ta's-snien barranin, li għalihom hu tant imfaħħar, ijsibu ŭara nofs inhar dejjem id-dar.

**Min ijcun ijrid jircanta xi ħag'a u jrid jitlak-ha f'idejn seuua b'garanzija talli jcollu bi flus kiegħdin l-Anglo Egyptian Bank, u b'il ftehim li sa jumejn uara il bejgħ għandu jatic il flus, li jcunu dahlu u ma dana bi drittijiet l-actar moderati imur għand**

# Is-Sur DIOMEDE AZZOPARDI

TA'

## STRADA RJALI, Nru: 10A. IL BELT,

**fejn ijsib għal bejgħ cull xorta ta' mobbli u fajjenzi, g'odda u seconda man, bi prezzijiet irħas tasseu.**

# Tè Ta Ceylon 'MARAVILLA'

IPPREMJAT B'GHAXAR MIDALJI

TAD-DEHEB

GHAL

KAUUA IT-TOGHMA U IS-SAFA TIEGHU

**JINBIEGH 1/6 & 1/8 IR-RATAL**

GHAND L'AGENTI F'MALTA




# C. CAMILLERI & SONS

## 50 STR. MERCANTI IL BELT




CAMPIUNI TA DAN IT-TÈ JINTGHATAU B'XEIN.

BL. BY FORMOSA.


**In-"Nahla" tistampa ruhha fl-Istamperija "EMPIRE PRESS" ta's-Sur Critien fi Strada Magazzini, Nru. 8, il Furjana fejn ijsir ucoll cull xorta ta' xoghol ta' stampa b'ir-rekka collha u bi prezzijiet irhas ferm.**